Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru : **12** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fil-5.30p.m.**

# L-EwwelSeduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużati | Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard<br>Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt |

## *Aġenda*

1. Ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ fil-Kunsill Lokali skond Memo 26/2013.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
CharlotMifsud
CharlotCassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 **Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali:**

Is-Sindku spjega din il-memo fejn qal illi kull Kunsill ser jaħtar żgħażugħ bħal ambaxxatur sabiex iwasslu l-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalita` tagħhom. Huwa żied jgħid li dan l-ambaxxatur ser ikollu dritt li jipparteċipa fil-laqghat tal-Kunsill Lokali rispettiv u jkun parteċipi waqt id-diskussjonijiet iżda ma jkollux dritt għl vot u ser jipparteċipaw fil-Parlament dakinhar li tiġi ppreżentata l-emenda fil-Parlament.

Is-Sindku ppropona lis-Sur David Massa bħala ambaxxatur taż-żgħażagħ u qara ukoll il-kunsens tal-ġenituri. Huwa żied jgħid illi l-pass li jmiss huwa li jattendi mas-Sindku fil-Parlament u s-Sur David Massa ikkonferma li jista jattendi.

Issekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Sur David Massa aċċetta l-kariga tiegħu

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsieh sabiex jgħamel introduzzjoni.

Is-Sur David Massa ta' ntroduzzjoni tiegħu nnifsu.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera rigward is-sajda li saret waqt Iljieli Skalin. Huwa kompla jgħid li ser issir attivita` ta' *martial arts* ġo Dojo ħdejn il-*Littles Supermarket* fi Triq Salvu Buhagair. Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega illi l-*martial arts* jinkludi festival ta' *judo/kungfu* u *taekwando* favur l-Istrina.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi ser jorganizza *bicycle ride* fis-17 ta' Novembru 2013 bejn Marsaskala, Zejtun u Birżebuggia, huwa żied jgħid illi l-pubbliċita` u l-permessi relattati ser jieħdu ħsiebhom min-naħa tal-uffiċċju tal-President.

➢ L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fils-5.45p.m.

**Josef Grech**
Segretarju Eżekuttiv

**Mario Calleja**
Sindku